



ŻVILUPP IMMEXXI MILL-KOMUNITÀ

IL-POLITIKA TA' KOEŻJONI 2014-2020

Ir-regoli l-ġodda u l-leġislazzjoni l-ġdida li jirregolaw ir-rawnd li jmiss tal-investiment tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għall-2014-2020 ġew formalment approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Diċembru 2013.

Din l-iskeda informattiva hija waħda minn serje li jenfasizzaw l-elementi ewlenin tal-approċċ il-ġdid.

Werrej

Suġġett

X'nifhmu bi Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD)?

X'inhu l-għan?

Il-komponenti ewlenin tas-CLLD

X'hemm ġdid?

Kif jistgħu jintużaw il-Fondi differenti fis-CLLD?

X'inhuma l-implikazzjonijiet tal-metodoloġija komuni?

Suġġett

[↑ Fuq](#)

Matul dawn l-aħħar 20 sena, l-approċċ LEADER⁽¹⁾ għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD), iffinanzjat mill-Fondi Strutturali u għall-Iżvilupp Rurali, għen lill-atturi lokali jikkunsidraw il-potenzjal fit-tul tar-reġjun lokali tagħhom, u wera bil-provi li kien għodda effettiva u effikaċi fit-twassil tal-politiki dwar l-iżvilupp. Il-Kummissjoni Ewropea ppromwoviet dan il-metodu ta' twassil permezz ta' Inizjattivi Komunitarji wkoll, bħal URBAN⁽²⁾ u EQUAL⁽³⁾. Fil-każ ta' LEADER, li għalih ilu jiġi pprovdut appoġġ kontinwu mill-UE sa mill-1991, huwa sar element importanti tal-politika dwar l-iżvilupp lokali b'livell għoli ta' aċċettazzjoni madwar l-Ewropa kollha. Mill-2007, l-iżvilupp lokali intuża wkoll fi ħdan il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd biex jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli tal-komunitajiet tas-sajd.

L-Artikoli 32-35⁽⁴⁾ tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (UE) Nru 1303/2013 għas-CLLD huma bbażati fuq l-approċċ LEADER u jikkonċernaw il-Fondi kollha koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni – il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd – fil-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020 (il-Fondi SIE – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej).

Is-CLLD huwa għodda speċifika li tintuża fil-livell subreġjonali, li hija kumplementari għal appoġġ ieħor għall-iżvilupp fil-livell lokali. Is-CLLD jista' jimmobilizza u jinvolvi lill-organizzazzjonijiet u l-komunitajiet lokali sabiex jikkontribwixxu ħalli jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020 ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, titrawwem il-koeżjoni territorjali u jintlaħqu l-oġettivi politiċi speċifiċi.

X'nifhmu bi Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD)?

[↑ Fuq](#)

Metodoloġija waħdanija fir-rigward tas-CLLD għall-Fondi tal-SEI, li:

- » tiffoka fuq **żoni subreġjonali** speċifiċi;
- » hija mmexxija mill-komunità, permezz ta' **gruppi ta' azzjoni lokali** komposti minn rappreżentanti ta' interessi soċjo-ekonomiċi pubbliċi u privati lokali;
- » titwettaq permezz ta' **strateġiji integrati u multisettorjali ta' żvilupp lokali bbażati fiż-żona**, imfassla wara li jiġu kkunsidrati l-**potenzjal u l-ħtiġijiet lokali**; u
- » tqis il-ħtiġijiet u l-potenzjal lokali, tinkludi **karatteristiċi innovattivi** fil-kuntest lokali, **networking** u, fejn xieraq, **kooperazzjoni**.

Din il-metodoloġija waħdanija ser tippermetti l-**użu konness u integrat tal-Fondi sabiex jitwasslu l-istrateġiji tal-iżvilupp lokali**.

(1) LEADER: *Liaison Entre Actions pour le Développement de l'Economie Rurale* – Rabtiet bejn l-azzjonijiet għall-iżvilupp tal-ekonomija rurali.

(2) L-Inizjattiva Komunitarja URBAN II tal-istrateġiji innovattivi appoġġjati mill-FEŻR għar-riġenerazzjoni ekonomika u soċjali sostenibbli f'numru limitat ta' żoni urbani madwar l-Ewropa kollha mis-sena 2000 sal-2006; L-Inizjattiva Komunitarja URBAN damet għaddejja mill-1994 sal-1999.

(3) L-Inizjattiva EQUAL tal-FSE ffokat fuq l-appoġġ għal proġetti transnazzjonali u innovattivi li għandhom l-għan li jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-iżvantaġġi fis-suq tax-xogħol mis-sena 2000 sal-2006.

(4) Ara l-Artikoli 32-35 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni dwar il-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FAEŻR u l-FEMS.

X'inhu l-għan?

[↑ Fuq](#)

L-għanijiet ewlenin ta' dan l-approċċ konġunt mill-Fondi tas-SEI huma li jissimplifika u jespandi l-użu tas-CLLD bħala għodda ta' żvilupp. Is-CLLD sejjer:

- » iħeġġu lill-komunitajiet lokali biex **jżviluppaw approċċi integrati minn isfel għal fuq** f'ċirkostanzi fejn ikun hemm bżonn li jwiegħbu għall-isfidi lokali u territorjali li jitolbu bidla strutturali;
- » **jibnu l-kapaċità tal-komunità u jstimolaw l-innovazzjoni** (inkluż l-innovazzjoni soċjali), l-impreditorija u l-kapaċità għall-bidla billi jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-iskoperta ta' potenzjal mhux sfruttat minn għewwa l-komunitajiet u t-territorji;
- » **jipromwovu s-sjeda tal-komunità** billi jżidu l-parteċipazzjoni fil-komunitajiet u jibnu s-sens ta' involviment u sjeda li jistgħu jżidu l-effettività tal-politiki tal-UE; u
- » **jassistu l-governanza fuq bosta livelli** billi jipprovdu rotta għall-komunitajiet lokali biex jieħdu sehem b'mod sħiħ fit-tfassil tal-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-UE fl-oqsma kollha.

Il-komponenti ewlenin tas-CLLD

[↑ Fuq](#)

- » Il-**gruppi ta' azzjoni lokali** għandhom ikunu komposti minn rappreżentanti ta' interessi soċjo-ekonomiċi pubbliċi u privati lokali, bħal imprendituri u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, awtoritajiet lokali, assoċjazzjonijiet rurali jew tal-viċinat, gruppi ta' ċittadini (bħal minoranzi, ċittadini anzjani, nisa/irġiel, żgħażaġħ, imprendituri, eċċ.), organizzazzjonijiet volontarji u komunitarji, eċċ. Mill-inqas 50% tal-voti fid-deċizzjonijiet ta' għażla għandhom jintefgħu mill-imsieħba li mhumiex awtoritajiet pubbliċi u l-ebda grupp ta' interess waħdieni ma għandu jkollu aktar minn 49% tal-voti.
- » L-**istrategġija ta' żvilupp lokali** għandhom ikunu koerenti mal-programmi rilevanti tal-Fondi tal-SIE, li permezz tagħhom għandhom jiġu appoġġjati. Huma għandhom jiddefinixxu ż-żona u l-popolazzjoni koperti mill-istrategġija; jinkludu analiżi tal-ħtiġijiet u l-potenzjal ta' żvilupp taż-żona, inkluż analiżi tal-Punti ta' Saħħa, il-Punti ta' Dgħjufija, l-Opportunitajiet u t-Theddidiet (SWOT); u jiddeskrivu l-oġettivi, kif ukoll il-karatteristiċi integrati u innovattivi tal-istrategġija, inklużi l-miri għall-eżiti jew ir-riżultati. L-istrategġija għandhom jinkludu wkoll pjan ta' azzjoni li juri kif l-oġettivi jinbidlu fi proġetti konkreti, arranġamenti ta' ġestjoni u monitoraġġ, kif ukoll pjan finanzjarju.
- » Il-**kopertura taż-żona u tal-popolazzjoni** ta' strategġija lokali partikolari għandha tkun koerenti, immirata u toffri massa kritika suffiċjenti għall-implimentazzjoni effettiva tagħha. Hija r-responsabbiltà tal-gruppi ta' azzjoni lokali li jiddefinixxu ż-żoni u l-popolazzjoni proprji li l-istrategġija tagħhom ikunu ser ikopru, iżda dawn għandhom ikunu konsistenti mal-kriterji li huma stabbiliti fl-Artikolu 33(6) tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni. Il-kopertura tal-popolazzjoni għandha tkun minimu ta' 10 000 u massimu ta' 150 000 li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet 2007-2013 skont il-programm LEADER. Il-Kummissjoni tista' taċċetta derogi biex temenda dawn il-limiti f'każijiet debitament ġustifikati fuq il-bażi ta' proposta minn Stat Membru. Għar-referenza, il-popolazzjoni medja kkonċernata mill-programmi URBAN II ifffinanzjati mill-FEŻR fil-perjodu 2000-2006 kienet ta' madwar 30 000 abitant.

X'hemm ġdid?

[↑ Fuq](#)

Fil-perjodu ta' programmar 2014-2020, l-appoġġ aktar espliċitu, fil-forma ta' qafas legali konġunt u regoli armonizzati għall-erba' Fondi tal-SIE, sejjer iżid il-konsistenza u jfhegġeg l-appoġġ ta' strateġija waħdanija lokali b'bosta Fondi mmexxija mill-komunità.

Bosta karatteristiċi fid-Dispożizzjonijiet Komuni għall-Fondi tal-SIE għandhom l-għan li jissimplifkaw l-implimentazzjoni ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità għall-benefiċjarji:

- » **Metodoloġija waħdanija għas-CLLD** sejra tkun applikabbli fil-Fondi tal-SIE u r-reġjuni kollha – fejn tippermetti lit-territorji kollha biex jibbenifikaw mill-appoġġ tal-UE għall-bini tal-kapaċità, is-sħubiji pubbliċi-privati lokali u l-istrateġiji tagħhom, networking u skambju ta' esperjenza;
- » **L-appoġġ mill-Fondi tal-SIE sejjer ikun konsistenti u kkoordinat.** Dan sejjer jagħmilha aktar faċli għall-benefiċjarji biex joħolqu strateġiji b'bosta Fondi adattati aħjar għall-ħtiġijiet u ż-żoni tagħhom, pereżempju, f'żona li fiha kemm aspetti rurali kif ukoll aspetti urbani. Dan sejjer jiġi żgurat permezz ta' bini tal-kapaċità, għażla, approvazzjoni u finanzjament ikkoordinati tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità u gruppi ta' azzjoni lokali;
- » **Fond Prinċipali:** Fil-każ ta' strateġiji b'Fondi konġunti, ser ikun hemm il-possibbiltà li jiġu ffinanzjati l-ispejjeż operattivi relatati mal-ġestjoni tal-implimentazzjoni kif ukoll l-organizzazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali permezz ta' Fond wieħed (jiġifieri, il-Fond Prinċipali);
- » **Inċentivi:** F'termini tal-politika ta' koeżjoni, għal dawk il-Programmi Operattivi fejn assi prijoritarju sħiħ jitwassal permezz tas-CLLD, ir-rata massima tal-kofinanzjament mill-FEŻR u/jew mill-FSE fil-livell ta' assi prijoritarju sejra tiżdied b'10 punti perċentwali ⁽⁵⁾. Fil-każ tal-FAEŻR, jiddependi miċ-ċirkostanzi, ir-rata massima tal-kofinanzjament għas-CLLD tista' tvarja bejn 80 % u 90% ⁽⁶⁾. Għall-FEMS (abbozz), ir-rata massima tal-kofinanzjament hija 75% ⁽⁷⁾ u jekk il-prijorità tal-Unjoni ddedikata għall-iżvilupp territorjali f'żoni tas-sajd hija ddedikata biss għas-CLLD, ir-rata tal-kofinanzjament tiżdied b'10 punti perċentwali.

Kif jistgħu jintużaw il-Fondi differenti fis-CLLD?

[↑ Fuq](#)

TFEŻR/FSE: L-adozzjoni tat-Trattat ta' Lisbona u l-Istrateġija Ewropa 2020 jipprovdu motivazzjoni msaħħa għal approċċ inklużiv u integrat għall-indirizzar tal-problemi lokali. B'mod partikolari, l-enfasi fuq il-kwalità tat-tkabbir, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li dan it-tkabbir ikun inklużiv u sostenibbli, ifissru li skont l-oġettivi ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, il-politika ta' koeżjoni għandha tappoġġja l-azzjonijiet maħsuba biex jindirizzaw l-oqsma tal-qgħad, tad-deprivazzjoni u tal-faqar.

L-approċċ ibbażat fuq il-komunità mhuwiex ġdid. Il-Proġetti Urbani Pilota ⁽⁸⁾ fid-disgħinijiet (1990ijiet) u l-programmi ta' Inizjattiva Komunitarja URBAN (1994-1999 u 2000-2006) ifffinanzjati mill-FEŻR, kif ukoll l-inizjattiva EQUAL (2000-2006) ifffinanzjata mill-FSE, kienu bbażati fuq sħubiji lokali u għalhekk jipprovdu sors utli ta' esperjenza għall-approċċ tas-CLLD.

(5) Ara l-Artikolu 120 (5) tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni dwar il-FEŻR, il-FSE, is-CF, il-FAEŻR u l-FEMS.

(6) Ara l-Artikolu 59 (4) (a) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

(7) Ara l-Artikolu 94 (4) tal-abbozz ta' Regolament dwar l-FEMS.

(8) Matul il-perjodu bejn l-1990 u l-1993, inbdew total ta' 33 Proġett Urban Pilota skont l-aegis tal-Artikolu 10 tal-FEŻR. Dawn il-proġetti ġew implimentati fi 11-il Stat Membru u għandhom l-għan li jappoġġjaw l-innovazzjoni fir-riġenerazzjoni u l-ippjanar urbani fil-qafas tal-politika usa' għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali.

FAEŻR: L-importanza tal-involvement tal-komunità ntweriet mis-suċċess tas-CLLD, appoġġjat fl-approċċ LEADER. Is-suċċess tal-approċċ huwa evidenti permezz tal-2 300 grupp ta' azzjoni lokali li qegħdin joperaw bħalissa madwar l-UE, b'finanzjament totali attwali ta' EUR 5.5 biljun (6% tal-finanzjament mill-FAEŻR).

L-approċċ LEADER iservi bħala bażi għall-inizjattiva l-ġdida tal-Kummissjoni CLLD billi huwa: ibbażat fiż-żona; minn isfel għal fuq; pubbliku-privat; integrat; innovattiv; kooperattiv u jinvolvi l-użu ta' networking. Iċ-ċirkuskrizzjoni obbligatorja ta' 5% tal-allokkazzjoni mill-FAEŻR ta' kull Stat Membru sejra tissokta fil-perjodu bejn l-2014 u l-2020, filwaqt li l-qafas legali ġdid se jjer isaħħaħ ħafna l-aspett integrat tal-approċċ.

EMFF: L-Assi Prijoritarju 4 tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (EMFF) ilu sa mill-2007 jipprovdi appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd, billi jiżgura li l-azzjonijiet li jittieħdu mill-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd (FLAGs) jibnu fuq il-punti ta' saħħa u l-opportunitajiet uniċi ta' kull żona tas-sajd; jisfruttaw swieq u prodotti ġodda; u jinkorporaw l-għarfien, l-enerġija u r-riżorsi tal-atturi lokali mis-setturi kollha.

Bħalissa qegħdin joperaw kważi 300 FLAG f'21 Stat Membru. L-approċċ konġunt ġdid mill-Fondi tal-SIE se jjer isaħħaħ l-abbiltà ta' dawn il-FLAGs biex iwettqu l-ħidma tagħhom u jipprovdu opportunità mtejba għall-ħidma integrata ma' żoni fil-viċinat u setturi oħrajn.

X'inhuma l-implikazzjonijiet tal-metodoloġija komuni?

[↑ Fuq](#)

- » Billi l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità huwa bbażat fiż-żona u jista' jiġi ffinanzjat mill-Fondi differenti tas-CSF, huwa metodoloġija ideali għall-bini ta' rabtiet bejn iż-żoni urbani, rurali u tas-sajd.
- » L-Istati Membri ser ikollhom bżonn jispeċifikaw fil-Ftehim ta' Sħubija tagħhom kif għandhom il-ħsieb li jappoġġjaw is-CLLD u jindikaw f'liema tipi ta' żoni jista' jintuża s-CLLD. Filwaqt li s-CLLD huwa fakultattiv għall-FEŻR, għall-FSE u għall-FEMS, huwa obbligatorju għall-FAEŻR. Filwaqt li s-CLLD huwa fakultattiv għall-FEŻR, għall-FSE u għall-EMFF, huwa obbligatorju għall-FAEŻR.
- » Billi l-istrateġiji tas-CLLD maħluqa mill-gruppi ta' azzjoni lokali jistgħu jkopru operazzjonijiet għal Fond wieħed jew aktar, jeħtieġ li jkun hemm konsistenza u koordinazzjoni bejn il-Fondi. L-Istati Membri u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni ser ikollhom jiddefinixxu l-kriterji għall-għażla tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali u jiżguraw li s-sejħiet u l-proċeduri jiġu kkoordinati bejn il-Fondi. L-għażla u l-approvazzjoni tal-istrateġiji se jrin jitwettqu minn kumitat konġunt stabbilit għal dan l-iskop mill-Awtoritajiet Maniġerjali kkonċernati, li għandhom jiżguraw li l-istrateġiji b'bosta Fondi jirċievu finanzjament ikkoordinat għall-istrateġija kompleta.
- » Id-data tal-għeluq għall-għażla u l-approvazzjoni tal-istrateġiji lokali hija l-aħħar tal-2017. L-ewwel rawnd ta' għażla ta' strateġiji għandu jitlesta mhux aktar tard minn sentejn mid-data tal-approvazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija. Minħabba li ma hemm ebda 'riport' awtomatiku minn dan il-perjodu ta' finanzjament għal li jmiss, il-gruppi ta' azzjoni lokali eżistenti mill-FAEŻR u mill-FEMS ser ikollhom jissottomettu strateġiji ġodda. Il-proposti l-ġodda jippermettu wkoll li l-gruppi ta' azzjoni lokali eżistenti jikkunsidraw li jwessgħu l-istrateġiji lokali tagħhom biex jinkludu l-użu ta' Fondi oħrajn tal-SIE.

- » F'dawk iż-żoni fejn l-Istati Membri jindikaw li jista' jintuża s-CLLD, huma u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni ser ikollhom bżonn jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' bini tal-kapaċità sabiex jiżguraw li l-komunitajiet lokali, speċjalment dawk f'żoni vulnerabbli b'kapaċità limitata, ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sfiż. Dan jista' jinkiseb permezz tal-bini ta' gruppi ta' azzjoni lokali u l-formulazzjoni ta' strateġiji vijabbli.
- » Il-gruppi ta' azzjoni lokali potenzjali għandhom jinvolvu ruħhom fi djalogu, fi stadju bikri, mal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni rilevanti, bil-għan li jiżguraw li l-ħtiġijiet u t-tħassib tagħhom isiru magħrufa u jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati fit-tfassil tal-programmi.

Għal aktar informazzjoni

Għal aktar skedi informattivi relatati mal-aspetti tal-Politika ta' Koeżjoni:
http://ec.europa.eu/regional_policy/what/future/publication/index_mt.cfm

Għal aktar informazzjoni ġenerali dwar il-Politika Reġjonali:
http://ec.europa.eu/regional_policy/index_mt.cfm